

32003R0622

5.4.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 89/9

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 622/2003****ta' 1-4 ta' April 2003**

**li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implementati l-istandardi bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

**Artikolu 2****Definizzjonijiet**

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi r-regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili (<sup>(1)</sup>) u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni hija meħtieġa li tadotta miżuri sabiex jiġu implementati l-istandardi bażiċi komuni għas-sigurtà fl-avjazzjoni fl-Unjoni Ewropea kollha. Regolament huwa l-iktar strument xieraq għal dan l-għan.
- (2) Skond ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 u sabiex jip-prevju l-atti illegali, il-miżuri stabbiliti fl-Anness ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu sigreti u ma jiġux ippubblikati.
- (3) Għal dan l-ġħan huwa meħtieġ li tīġi permessa distinzjoni bejn l-ajrupporti fid-dawl ta' l-istima tar-riskju lokali. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tīġi mgħarrfa bl-ajrupporti li huma kkunsidrati li jippreżentaw riskju iż-ġħad.
- (4) Għandhom jiġi permessi wkoll miżuri ta' l-implementazzjoni li jvarjaw skond it-tip ta' l-attività tat-titjir. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tīġi mgħarrfa meta jiġi applikati miżuri kumpensatorji sabiex jiżu żgurati l-livelli ekwivalenti tas-sigurtà.
- (5) il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ċivili,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1****Mira**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa sabiex jiġu implementati u addattati teknikal l-istandardi bażiċi komuni li jirrigwardaw is-sigurtà ta' l-avjazzjoni sabiex jiġi mdaħħla fil-programmi nazzjonali ta' l-avjazzjoni ċivili.

(<sup>1</sup>) ĠU L 355, tat-30.12.2002, p. 1.

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- "Programm nazzjonali tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili" għandu jfisser ir-regolamenti, il-prattiċi u l-proċeduri adottati mill-Istati Membri skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002, sabiex jiżguraw is-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili fit-territorju tagħhom,
- "Awtorità xierqa" għandha tfisser l-awtorità nazzjonali nominata minn Stat Membru skond l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002 sabiex tkun responsabbli mill-kordinament u l-monitoraġġ ta' l-implementazzjoni tal-programm nazzjonali dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili.

**Artikolu 3****Kunfidenzjalità**

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1 huma ddikjarati fl-Anness.

Dawn il-miżuri għandhom ikunu sigreti u ma għandhomx jiġi ppubblikati. Dawn għandhom jintgħamlu disponibbli biss lill-persuni awtorizzati kif mistħoqq minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni.

**Artikolu 4****Notifika**

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miktub dwar l-ajrupporti kollha li fir-rigward tagħhom ħadu l-opportunity ta' l-għażla permessa jew taħt il-punt (a) jew il-punt (b) ta' l-Artikolu 4(30) tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002.

**Artikolu 5****Miżuri kumpensatorji**

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miktub dwar il-miżuri kumpensatorji li jkunu applikaw skond il-punt 4.2 ta' l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2320/2002.

**Artikolu 6**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-sejjha fid-19 ta' April 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fl-4 ta' April 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Loyola DE PALACIO

*Viċċi-President*

---

#### ANNESS

#### **IL-MIŻURI DDETTLJATI GĦAS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI**

Skond l-Artikolu 3 l-Anness huwa sigriet u ma għandux jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

---